**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum L-Erbgha, 15 ta' Jannar, 2020**

Numru 7

**Appell Nru. 32/2019**

**Joseph u Maria Concetta Borg**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u**
**l-kjamat in kawza Stephen Tabone**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph u Maria Concetta Borg tas-6 ta' Awwissu 2019 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-25 ta' Lulju 2019 fejn iddecieda li l-appellanti ma kellhomx locus standi billi ma kienux registered objectiors ai termini tal-artikolu 11(1)(d) tal-Kap. 551 u ghalhekk l-appell taghhom kien null;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta tal-applikant li ssottometta li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Dwar il-bzonn tal-oggezzjoni:
L-artikolu 71 (6) tal-Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi:
(6) Kull persuna tista' tiddikjara interess f'xi zvilupp u, abbazi ta'ragunijiet li jkunu rilevanti ghall-ambjent u lippjanar, taghmelrapprezentazzjonijiet dwar dak l-izvilupp. Dik id-dikjarazzjoni ta' interess flimkien marrapprezentazzjonijiet ghandha ssir bil-miktub u ghandha tasal ghand il-Bord tal-Ippjanar fiz-zmien kif stabbilitb'regolamenti preskritti mill-Ministru. Dikjarazzjoni li ma tigix pprezentata f'dan iz-zmien stipulate ghandha tigi kkunsidrata bhala nulla u ma tistax tigi kkunsidrata mill-Bord tal-Ippjanar.

Iz-zmien stipulat johrog mil-Legislazzjoni Sussidjarja numru 552.13, li f'regolament 11 testwalment jinghad illi:
"11.(1) Kull persuna tista' tiddikjara interess f'applikazzjonita' zvilupp maghmula taht dawn ir-regolamenti, skont iddispozizzjonijiet tal-artikolu 71(6) tal-Att, u tista' taghmel dikjarazzjonijiet dwar l-istess.
(2) Dak l-interess ghandu jigi registrat mal-Awtorità:
(a) fi zmien tletin gurnata mid-data tal-pubblikazzjoni tan-notifika tal-applikazzjoni fuq is-sit elettroniku tadDipartiment tal-Informazzjoni f'kaz ta' applikazzjonijiet li ma jaqghux taht id-dispozizzjonijiet tal-iSkeda 2;
(b) fi zmien hmistax-il gurnata id-data tal-pubblikazzjoni tan-notifika tal-applikazzjoni fuqis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Informazzjoni f'kaz ta' applikazzjonijiet li jaqghu taht id-dispozizzjonijiet tal-iSkeda 2:
Izda dawn il-perjodi jistghu jitqassru ghal sebat ijiem f'kazijiet urgenti kif jista' jigi indikat fil-pubblikazzjoni:
Izda wkoll jekk l-ahhar gurnata ghas-sottomissjoni kif indikat f'dan is-subregolament tkun festa pubblika jew gurnatameta l-ufficcji tal-Awtorità jkunu maghluqa ghall-pubbliku, iz-zminijiet ghas-sottomissjoni jigu meqjusa li jaghlqu fil-gurnata tax-xoghol li jkun imiss.
(3) Dak l-interess ghandu jigi registrat permezz ta' kull mezz ta' komunikazzjoni, bil-miktub jew b'mod elettroniku, billingwa Maltija jew Ingliza, u ghandu jinkludi indirizz elettroniku li ghandu jintuza ghal komunikazzjonijiet futuri bejn lAwtorità u l-parti registrata interessata.
(4) Ghall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u tal-artikolu 71(6)tal-Att, kull notifika jew avviz ta' decizjoni lil persuna registrata interessata skont is-subregolament (1) ghandha issir mill-Awtorità skont id-dispozizzjonijiet tar-regolament 6 (7)."

L-artikolu 77 (3) tal-Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta' Malta, meta jitkellem dwar l-appell, jghid hekk:

(3) Partijiet ohra indikati fl-Att dwar it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar jistghu jipprezentaw appell minn decizjoni tal-Bord tal-Ippjanar jew tal-Kummissjoni quddiem it-Tribunal skont l-Att dwar it-Tribunal ta' Revizjoni talAmbjent u l-Ippjanar.

L-artikou 11 tal-Kapitolu 551 tal-Ligijiet Malta jghid hekk:
11. (1) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp, it-Tribunal ghandu jkollu gurisdizzjoni li:
(a) jisma' u jiddeciedi kull appell maghmul mill-applikant minn decizjoni moghtija wara applikazzjoni:
(i) ghal permess ta' zvilupp;
(ii) ghal permess taht ordni dwar notifikazzjoni ta'zvilupp;
(iii) ghal permess taht process ta' regolarizzazzjoni;
(iv) ghal tibdil fl-allinjament permezz ta' applikazzjoni ghall-kontroll tal-ippjanar;
(v) ghal permess ghal progett ta' interess komuni(PCI);
(vi) ghal registrazzjoni mill-Bord tar-Registrazzjoni;
(b) jisma' u jiddeciedi kull appell maghmul mill-applikant minn decizjoni mehuda wara talba ghal screening ta' zvilupp propost, meta fl-istess decizjoni:
(i) jintalbu sottomissjonijiet, studji, valutaz-zjonijiet u dokumentazzjoni ulterjuri; u, jew
(ii) mizati u, jew kontribuzzjonijiet huma mitluba li jigu mhallsa lill-Awtorità tal-Ippjanar qabel is-sottomissjoni, mas-sottomissjoni jew waqt l-ipprocessar tal-applikazzjoni u l-applikant ma jkunx qabel mal-ammont tal-mizata u, jewkontribuzzjonijiet;
(c) jisma' u jiddeciedi kull appell maghmul minn kullpersuna:
(i) aggravata b'avviz mahrug skont iddispozizzjonijiet tat-Taqsima IX tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp;
(ii) aggravata b'decizjoni fir-rigward ta' ordni ta'skedar u ordni ta' konservazzjoni;
(iii) aggravata b'decizjoni fuq talba ghal tibdil jew revoke ta' permess;
(d) jisma' u jiddeciedi kull appell maghmul minn kull persuna jew istituzzjoni jew kull dipartiment jew agenzija tal-Gvern, li jkollha interess dirett u li tkunaggravata b'xi decizjoni, jew ordni jew direzzjoni fir-rigward ta' Regolamenti tal-Bini u Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Bini, ukoll jekk dik id-decizjoni jew ordni jew direzzjoni ma tohrogx minn process ta' applikazzjoni ghal zvilupp;
(e) jisma' u jiddeciedi kull appell maghmul minn terza persuna interessata li tkun issottomettiet rapprezentazzjonijiet bil-miktub kif stabbilit mill-Awtorità tal-Ippjanar skont l-artikolu 71(6) tal-Att tal-2016 dwar lIppjanar tal-Izvilupp:
(i) minn decizjoni fuq applikazzjoni ghal permessta' zvilupp;
(ii) minn decizjoni fuq applikazzjoni ghall-kontrolltal-ippjanar relatata ma' tibdil fl-allinjament;
(iii) minn decizjoni fuq ordni ta' skedar u ordni ta' konservazzjoni;
Izda:
(i) l-Avukat Generali ghan-nom tal-Gvern; u
(ii) kull dipartiment, agenzija, awtorità jew korp guridiku iehor kollu kemm hu proprjetà tal-Gvern li ma jkunx konsulent estern li jkun gie konsultat u ma oggezzjonax, ghandu dejjem ikun meqjus ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi bhala terza persuna interessata minkejja illi ma jkunux gew sottomessi minnu rapprezentazzjonijiet bil-miktub: Izda l-persuni kollha ghandhom jitqiesu li ghandhom interess sufficjenti u jkollhom access ghal procedura ta' revizjoni quddiem it-Tribunal biex jopponu l-legalità sostantiva jew proceduralita' kull decizjoni, att jew ommissjoni li ghandhom x'jaqsmu ma' zvilupp jew stallazzjoni li hi soggetta ghal studju dwar l-impatt ambjentali (EIA) jew permess dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integratitat-tniggis (IPPC):

Izda l-Awtorità tal-Ippjanar ma ghandhiex tigi meqjusa bhala terza persuna interessata ghall-finijiet ta' dan ilparagrafu;
(f) jisma' u jiddeciedi kull appell maghmul minn konsulenti esterni minn decizjoni mehuda wara applikazzjoni:
(i) ghal permess tal-izvilupp;
(ii) ghal tibdil fl-allinjament permezz ta' applikazzjoni ghall-kontroll tal-ippjanar;
(iii) ghal permess ghall-progetti ta' interess komuni(PCI):
Izda dak l-appell jista' jigi mressaq biss minn konsulent estern li jkun ipprezenta r-rakkommandazzjoni tieghu lill-Awtorità tal-Ippjanar u fir-rakkommandazzjoni jkun jew indika li l-applikazzjoni ghandha tigi approvata suggetta ghall-kondizzjonijiet indikati mill-konsulent estern, jew li l-applikazzjoni hija oggezzjonabbli ghar-ragunijiet moghtija mill-konsulent estern: Izda wkoll konsulent estern dejjem jista' jressaq appell meta ma jkunx gie kkonsultat jew meta l-procedura ma
(g) jisma' u jiddeciedi talbiet ghal sospensjoni skont l-artikolu 33;(h) jezercita dawk il-funzjonijiet li jigu assenjati lilu taht id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att.
(2) Il-Prim Ministru jista' jordna li kull decizjoni ohra tal-Awtorità tal-Ippjanar tkun soggetta ghall-gurisdizzjoni tat-Tribunal.
(3) Appell lit-Tribunal jista' jigi pprezentat fuq kwalunkwe raguni inkluz:
(a) li sar zball materjali dwar il-fatti;
(b) li kien hemm zball procedurali materjali;
(c) li sar zball ta' ligi.

Jibda biex jinghad illi huwa car illi biex isir appell taht is-subartikolu (e), jehtieg illi wiehed ikun irregistra ruhu bhala terza persuna interessata iai termini tal-artikolu 71 (6) tal-Kapitolu 551 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wiehed izda jrid jara jekk is-subartikolu (d), u cioe dak li jaghti lit-Tribunal il-gurisdizzjoni li "(d) jisma' u jiddeciedi kull appell maghmul minn kull persuna jew istituzzjoni jew kull dipartiment jew agenzija tal-Gvern, li jkollha interess dirett u li tkun aggravata b'xi decizjoni, jew ordni jew direzzjoni fir-rigward ta' Regolamenti tal-Bini u Regolamenti dwaril-Kontroll tal-Bini, ukoll jekk dik id-decizjoni jew ordni jew direzzjoni ma tohrogx minn process ta' applikazzjoni ghal zvilupp...", jirriferix ghat-terz interessat skont l-artikolu 71 (6) tal-Kapitolu 551, inkella hux ghal klassi ohra ta' persuni.

Mad-daqqa t'ghajn, wiehed jista' jinghata x'jifhem illi l-"interess dirett" imsemmi fl-artikolu 11(1)(d) tal-Kapitolu 551 ma huwiex stat ta' fatt, imma stat ta' dritt illi jehtieg jigi 'registrat' ai termini tal-artikolu 71 (6) tal-Kapitolu 552. Di fatti, l-artikolu 71 (6) talKapitolu 552 huwa car illi interess fi zvilupp irid jigi dikjarat u registrat, tant filfatt illi dikjarazzjoni li ma tigix ipprezentata f'dan izzmien stipulate ghandha tigi kkunsidrata bhala nulla u ma tistax tigi kkunsidrata mill-Bord tal-Ippjanar.

L-appellant jargumenta in succint illi galadarba l-artikolu 11(1)(d) huwa separat mis-subartikolu (e), ifisser b'hekk illi wiehed jista' japplika taht wiehed minn dawn is-subartikoli, u b'hekk, persuna li ma jipprezentax dikjarazzjoni taht l-artikolu 71 (6) tal-Kapitolu 552 fiz-zmien stipulate xorta wahda jista' jressaq l-appell tieghu taht is-subartikolu (d) tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 551.

Filwaqt li t-Tribunal jifhem illi l-kitba ta' ligi tista' taghti lok ghal interpretazzjonijiet diversi, jidhirlu illi mil-gabra tas-subartikolu (d) b'mod shih, ghandu ghaliex jifhem illi

meta dan jitkellem fuq “persuna ... li jkollha interess dirett”, huwa qieghed jitkellem filqafas tal-bqija tas-subartikolu, li jaghmel riferenza specifika ghal klassi partikolari ta’ persuni, u cioe, istituzzjonijet, korpi u dipartimenti tal-Gvern. Din hija parti mill-process innovattiv li introduca l-Kapitolu 551. Ghalhekk, ma jistax jinghad illi persuna privata tista’ tutilizza dan is-subartikolu biex tressaq l-appell taghha. Di fatti, l-bqija tal-Kapitolu 551 ma jaghmel l-ebda riferenza (imqar indiretta) ghal xi dritt ta’ appell ta’ persuna private li ma tkunx terza parti interessata registrata skont l-artikolu 71 (6) talKapitolu 552, u ghalhekk, hija l-fehma tat-Tribunal illi l-interpretazzjoni tieghu hija dik korretta.

Dwar ir-riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet SC Hire Services vs L-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u lIppjanar et (18/2016 – deciza 7 ta’ Dicembru 2016), it-Tribunal ghandu zewg osservazzjonijiet x’jaghmel. L-ewwel: il-Qorti talAppell quddiemha kelha d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta’ Malta, li llum ma ghadhomx fis-sehh u gew sostitwiti bl-introduzzjoni tal-Kapitolu 551 u 552 tal-Ligijiet ta’ Malta. It-tieni: Id-decizjoni nghata f’realtà differenti minn dik tal-lum, mentri l-kwistjoni kienet dwar x’inhi t-tifsira ta’ “interess” u kif din hija differenti mit-terminu legali “interess guridiku”. Di fatti, kwalunkwe misinterpretazzjoni mahluqa qabel fid-dhul fis-sehh tal-Kapitoli 551 u 552 giet rizolta tramite l-artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 551, li jghid testwalment illi:
22.(1) Meta jsir appell minn terza persuna interessata skont dan l-Att, dik il-persuna m’ghandhiex ghalfejn iggib prova li hi ghandha xi interess f’dak l-appell skont id-duttrina ta’ interess guridiku, u tali duttrina ma ghandhiex tapplika ghal proceduri bhal dawn, izda tali persuna ghandha tissottometti motivazzjonijiet ragunati bbazati fuq konsiderazzjonijiet ambjentali u, jew tal-ippjanar biex tiggustifika l-appell taghha.
Tabilhaqq, kieku l-artikolu 22 (1) kien qieghed jirreferi ghall-“interess dirett” imsemmi fis-subartikolu (d) tal-artikolu 11 talKapitolu 551, dan kien jghidu. Izda huwa dan l-artikolu stess li ghazel li jillimita ruhu ghat-terza persuna interessata stabbilita millartikolu 71 (6) tal-Kapitolu 552.

Min-naha l-ohra, it-Tribunal ma jaqbilx mal-interpretazzjoni moghtija mill-appellant meta jikkwota s-sentenza moghtija fl-4 ta’ April 2019 mill-Qorti tal-Appell, fl-appell fl-ismijiet ta’ Charles Theuma et vs Awtorità tal-Ippjanar. B’din is-sentenza, ma fissritx il-Qorti tal-Appell illi l-eccezzjoni preliminary illi l-appellanti ma kellhomx dritt ta’ appell stante li ma kinux registrati bhala objectors ma kellhiex mis-sewwa. Il-kunsiderandi tal-Qorti tal-Appell kien dwar jekk din l-eccezzjoni tistax tigi deciza b’kap separat mill-kwistjoni fil-mertu, u xejn aktar minn dan. Bl-ebda tigbid tal-kliem tal-Qorti ma jista’ jinghad illi galadarba l-ewwel Qorti ma qablitx ma’ dik l-eccezzjoni, jfisser b’xi mod illi dik ma kellhiex siwi.

Ghalhekk, hija l-posizzjoni ta’ dan it-Tribunal illi kemm-il darba l-appellant ma jirnexxilux juri illi fl-ewwel istanza, irregistra ruhu i termini tal-artikolu 71 (6) tal-Kapitolu 552 entro t-terminu stipulat, ma jistax jitqies illi appella validament.

Dwar jekk l-oggezzjoni dahlitx fil-hin:
Huwa inkontestat illi sabiex tkun valida ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 522.13, l-oggezzjoni kellha tasal l-Awtorità talIppjanar sas-7 ta’ Dicembru 2018 (salv l-argumenti ta’ natura legali li jaghmel l-appellant dwar in-necessità illi appellant ikun qabel oggezzjona, liema argument it-Tribunal ikkunsidra aktar ‘il fuq). L-Awtorità u l-applikant qeghdin jghidu illi l-oggezzjoni dahlet tard, fl-10 ta’ Dicembru 2018, filwaqt li

l-appellant qieghed jghid li l-oggezzjoni tieghu dahlet fis-7 ta’ Dicembru 2018, u cioè entro t-terminu moghti.

It-timbru ufficjali fuq l-oggezzjoni jindika d-data tal-10 ta’ Dicembru 2018.

In succint:
Fix-xhieda tieghu, l-appellant Joseph Borg jghid illi fis-7 ta’ Dicembru 2018, kmieni filghodu, huwa mar l-ufficcju ta’ Dottor Georgine Schembri u gabar id-dokumenti biex jigu prezentati fizikament l-Awtorità tal-Ippjanar. Jghid li gabar il-karti minghand certu Sunny Grech, ufficjal ghand Dottor Schembri, u qabad il-vapur ta’ tmienja u kwart u rhielha lejn Malta. Bi prova ghal dan, esebixxa biljett u ricevuta (JB1). Ir-ricevuta tindika li l-klijent huwa FX Borg Furniture Ltd, kumpannija gewwa x-Xewkija Ghawdex. Ma hemmx isem Joseph Borg (li skont l-atti, huwa minn Kercem, Ghawdex), u ma hemmx indikazzjoni fl-atti x’relazzjoni ghandu Joseph Borg ma’ din il-kumpannija. Jghid illi malli wasal, talab lill-addetta tal-Awtorità jekk jehtiegx isir timbru, u li din qaltlu illi sejra taghmilhom aktar tard, u ma tatux kopja ittimbrata. Ix-xhud prezenta wkoll document (li jidher illi huwa screenshot minn Trip Advisor), biex juri illi dakinhar bejn id-9:32 u l-9:44, huwa kien il-Floriana (JB2). Ta’ min josserva li hawn ukoll ma jidhirx l-isem, jew xi haga ohra li turbot dan id-dokument mal-appellant.

Jghid ix-xhud li eventwalment, fl-14 ta’ Dicembru 2018, ircieva kommunikazzjoni mill-Awtorità li l-oggezzjoni kienet fuori termine. Joseph Borg jghid illi ma huwiex possibbli li huwa prezenta l-oggezzjoni tieghu fl-10 ta’ Dicembru 2018, ghax dakinhar kien imsiefer (JB41/2). Jghid illi huwa inkariga lill-avukat Dottor Schembri li indirizzat din il-kwistjoni mal-Awtorità, biex imbaghad fis-26 ta’ Frar 2019, rcieva kommunikazzjoni gdida, izda li din id-darba kienet tghid illi l-oggezzjoni dahlet fil-hin.

Fil-frattemp, jidher illi bdiet investigazzjoni gewwa l-Awtorità, tant li s-Sur David Cassar u mbaghad is-Sur Omar Mizzi, sejhu lillappellant. Is-Sur Joseph Borg jghid illi s-Sur Omar Mizzi laqqghu mal-impjegati gewwa l-Awtorità, u ma gharafx il-persuna li kien ta l-oggezzjoni tieghu.

L-avukat ta’ Joseph Borg, Dr Georgine Schembri, xehdet permezz ta’ affidavit. Ikkonfermat in kontro-ezami illi meta l-oggezzjoni ingabret, hija ma kinitx prezenti, ghalkemm l-iskrivan taghha ikkonfermalha illi s-Sur Borg kien gabarha.

Xehed David Cassar, Operations Manager, li spjegat illi s-sistema tal-objections hija awtomatika, fis-sens illi meta tidhol objection gos-sistema u jsir input tad-data li ddahlet, is-sistema taghraf jekk dik l-oggezzjoni dahlitx fil-hin jew le, u tintbaghat komunikazzjoni skont ir-rizultat ta’ dan. Jekk id-data tkun wara t-terminu preskritt, is-sistema tibghat kommunikazzjoni illi lobjection iddahlet tard. Ikkonferma illi is-sistema tippermetti illi document jiddahhal backdated. Is-sistema ma tippermettix li record jinbidel, galadarba wiehed jissejvja l-entry. Filfatt, f’din il-kwistjoni hemm zewg entries, wahda li turi illi l-objection dahlet fl-10 ta’ Dicembru 2018, u ohra filed fi Frar, li tindika li l-oggezzjoni giet sottomessa fis-7 ta’ Frar 2018.

Xehdet Maria Schembri li tahdem il-mailroom.

Xehed ukoll Omar Mizzi, Internal Officer gewwa l-Awtorità, li qal li investiga l-kaz u intervista diversi persuni. Fost l-ohrajn, qal illi huwa ma setax jara l-cameras fil-granet relevanti ghaliex ir-recordings jinzammu biss ghal gimghatejn, u ghandu, l-complaint wasal erba' xhur wara. In kontroezami, xehed illi d-decizjoni illi jerga jsir input gdid, din id-darba bid-data tas-7 ta' Dicembru, kienet tas-Sur David Buttigieg. Jghid li s-Sur Buttigieg ghamel hekk ghaliex il-klijent gie tard, vicin it-tlieta ta' wara nofsinhar, u b'hekk jista' jkun illi r-ricevitur kien digà qaleb it-timbru ghall-gurnata tax-xoghol li kien imiss, u allura assuma li dak kien li welled l-izball. Omar Mizzi xehed li it-trainee imsemmija, fil-granet relevanti ma kinitx qeghda tahdem fil-front office.

Xehed ukoll Joseph Faure, Principal Technical Office, General Enquiries, Front Desk, li spjega l-procedura ta' kif jigu ittimbrati d-dokumenti li jidhlu l-Awtorità. In kontroezami qal li t-timbru tieghu huwa bin-numru 5.
Xehdet Marianne Attard, li inkarigat li ddahhal l-objections gewwa l-computer, u spjegat kif galadarba tiddahhal id-data talfiling fis-sistema, l-acknowledgement tohrog b'mod awtomatiku tramite is-sistema.

Xehdet Connie Genuis, Senior Administration Office, Front Office, gewwa l-Awtorità, li spjegat is-sistema tal-ittimbrar taddokumenti. Spjegat ukoll illi jekk ikun hemm xi hadd in training, jagixxi taht is-supervizjoni taghha. Spjegat illi t-timbri jkunu jigru fil-front desk. Spjegat ukoll illi t-timbri jigu ssetjati bid-data taghhom filghodu, u qalet li meta jigi xi hadd b'zewg kopji, wahda minnhom tigi ittimbrata u tinghatalu lura, u jekk ma jkollux kopja ghalih, issirlu fotokopja tal-oggezzjoni bit-timbru fuqha. In kontroezami, ikkonfermat illi t-timbri juzahom kulhadd.

Xehdet Lara Borg, addetta fil-Front Desk, u ikkonfermat il-procedura kif spjegata mix-xhieda l-ohrajn. Ikkonfermat illi t-timbri juzahom kulhadd.

Xehed is-Sur David Buttigieg, li ikkonferma x-xhieda ta' Omar Mizzi, li huwa dahhal input gdida bid-data tas-7 ta' Dicembru 2018 ghaliex assuma li s-Sur Joseph Borg kien gie tard u min laqghu kien digà dawwar it-timbru ghall-gurnata tax-xoghol li kien imiss. Jghid li t-timbru bin-numru 8 (li huwa t-timbru li intuza ghall-oggezzjoni) huwa ta' Joseph Faure. Jghid li dan il-process sehh gimgha wara li giet mircieva l-ewwel kommunikazzjoni minghand Dottor Georgine Schembri. Mistoqsi mit-Tribunal ghaliex allura l-acknowledgment harget fi Frar, ix-xhud qal li ma jafx. Mistoqsi mit-Tribunal jekk ivverifikax il-cameras galadarba investiga gimgha wara, ix-xhud qal illi l-cameras ma jaqbdux lil Joseph Faure. Mistoqsi jekk il-filmat jurix min jidhol gol-area, jghid li ma jafx, u li 'Audrey' qaltlu illi inutli jivverifika. Din 'Audrey' ma ngibitx tixhed.

Ikkunsidra illi:
It-Tribunal jinsab rinfaccjat b'zewg verzjonijiet li fil-bicca l-kbira, huma kuntrastanti u jeskludu lill-xulxin. Dan it-Tribunal iqis illi jkun utli li jhares lejn il-mod kif il-qrati taghna jgibu ruhhom meta jkunu rinfaccjata b'tali kunflitt fil-verzjonijiet moghtija, u jispira ruhu minn l-istess. Intqal illi meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati talhajja (Borg vs Bartolo, 25.6.1980). Intqal f'Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia, 24.11.1966 illi:
"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola

tal-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha. Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda mizzewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dawk talkonsistenza u vero similjanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilità u tal-preponderanza talprovi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment talgudikant ... Anzi, f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wiehed millkontendenti."

Intqal f'Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi, 12.4.2007 illi:
"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:
a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku talparti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova talezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI, P.i, p.5. b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad,'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta – Ara Vol. XXXVII, P.i, p.577;
c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi taddomanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti millpartijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timpani fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li lfatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;
d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali talapprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza lkonvinciment tieghu minn dawk ilprovi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik iddiskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost missentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u rrazzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju Ramchand Kilumal noe vs. Jessie Blanco – App. 30 ta' Gunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV. P.i, p.104."

Dan it-Tribunal ma jarax ghaliex ghandu jiddipartixxi minn din id-duttrina u jaddotta sistema differenti. It-Tribunal sema' x-xhieda, u rega qara akkuratament it-traskritti, biex ikun fl-ahjar qaghda biex jigbed il-konkluzjonijiet tieghu minn dak prezentat lilu, anke fid-dawl tal-inkosistenzi dwar il-fatti. Ta' min jghid illi t-Tribunal kellu l-opportunità josserva l-komportament tax-xhieda, u l-mod kif dawn wiegbu ghad-domandi tal-konsulenti legali tal-partijiet, u kif ukoll ghal dawk tat-Tribunal. Apparti hekk, ic-cirkostanzi tal-fatt jisfurzaw lit-Tribunal jidhol fid-dettall ta' dak li nghad u gie provdut, biex jikkunsidra jekk dak allegat giex pruvat.

It-timbru fuq l-ittra tal-oggezzjoni jindika bic-car id-data tal-10 ta' Dicembru 2018, u l-presunzjoni ghandha tkun illi t-timbru jindika d-data tajba, naturalment sakemm l-appellant ma jirnexxilux jipprova mod iehor. Il-prova ma tistax ssir b'allegazzjonijiet, suspett jew kongetturi, imma b'evidenza cara li twassal it-Tribunal ghall-konvinciment mehtieg, fuq bilanc ta' probabilitajiet.

Il-verzjoni tal-appellanti hija li kmieni filghodu, huwa ghadd fl-ufficcju tal-avukat Dottor Schembri, gabar il-karti minghand liskrivan taghha, u qabad il-vapur tat-8:15am biex ghal madwar id-9:30am, kien l-Awtorità tal-Ippjanar biex idahhal l-ittra ta' oggezzjoni tieghu. Hawnhekk jghid li ltaqa' ma impjegata li ma gietx identifikata, liittimbrat l-ittra u ma taghtux kopja ittimbrata.

It-Tribunal jinnota illi fil-verzjoni mressqa mill-appellanti, hemm ghadd ta' allegazzjonijiet mhux ikkonfermati minn xhieda ohra jew dokumenti, kif ukoll rakkonti illi gew kontradetti bi prova ohra. It-Tribunal jinnota illi Joseph Borg jghid li qabad il-vapur ta' Ghawdex filghodu kmieni, u jesebixxi biljett u ricevuta, li giet mahruga f'isem kumpannija terza (FX Borg Furniture Limited) li lkonnessjoni taghha mas-Sur Borg ma tirrizultax mill-atti. Ghalhekk, it-Tribunal ma jarax l-utilità tal-biljett bhala prova li filfatt isSur Borg verament qabad il-vapur fis-7 ta' Dicembru 2018 fit-8:02am, hekk kif ma jsibx utilità ghall-iscreenshot mill-application ta' Trip Advisor, li ma ma tikkontjeni ebda indikazzjoni illi din filfatt ittiehdet mit-telefon cellulari tal-appellanti. Dan partikolarment fid-dawl tax-xhieda l-ohra, partikolarment tas-Sur David Buttigieg. Il-boarding passes esebiti huma filfatt prova tajba li teskludi illi kien Joseph Borg li mar l-Awtorità tal-Ippjanar bl-ittra tal-oggezzjoni nhar l-10 ta' Dicembru 2018, izda dan ma jfissirx illi ma setax mar haddiehor ghan-nom tieghu. Tabilhaqq allura, wehidhom dawn ma jistghux jaghmlu prova.

Joseph Borg kellu r-responsabbiltà illi jitlob illi jinghata kopja ttimbrata tal-ittra tal-oggezzjoni li huwa ressaq; tabilhaqq, huwa kemmxejn stramb kif jghid li kopja ma nghatatlux (ghalkemm irrizulta li din hija procedura normali), u huwa inverosimili li gie infurmat li mhux se tinghatalu kopja, u accetta dan il-fatt bla ma insista, partikolarment wara l-insistenza tal-avukat tieghu li l-ittra ta' oggezzjoni tidhol dakinhar. Min-naha l-ohra, it-Tribunal ma jistax jiddetermina b'sodisfazzjoni ghaliex jista' jkun li fis-7 ta' Dicembru 2018, fid-9:30 ta' filghodu, bil-gurnata tax-xoghol ghadha tibda, xi hadd mill-addetti tal-Awtorità se jkollu timbre li jaqra l-10 ta' Dicembru 2018. Kien ikun aktar verosimili dak assunt minn David Buttigieg, illi lejn l-ahhar tal-gurnata, xi hadd qaleb it-timbru fuq il-gurnata tax-xoghol li kien imiss. Izda l-appellant dejjem insista illi huwa mar hemmhekk filghodu. It-Tribunal ma jistax jaqbel mas-sottomissjoni tal-appellanti illi l-karti ittiehdu minn trainee u mbaghad gew irtirati aktar tard minn Joseph Faure. Ma hemm xejn fl-atti li jista'jindika dan. Apparti hekk, kieku kien hekk, huwa probabli li l-Awtorità kienet se tiffacja oggezzjonaturi ohra b'akkaduti simili ghal tal-appellant. Mhux talli ma hemmx prova illi dan ma sehhx, talli sahansitra, Omar Mizzi xehed illi hadd aktar ma ressaq ilment bhal tal-appellant.

Il-kobba tithabbel aktar meta wiehed jifli x-xhieda tas-Sur David Buttigieg. Jghid is-Sur Buttigieg illi Joseph Faure jipposjedi ttimbru bin-numru 8. Joseph Faure izda jghid li tieghu huwa n-numru 5, u jghid (bhalma jghidu l-addetti l-ohra) illi t-timbri jkunu fuq il-bank u jintuzaw minn kulhadd. It-Tribunal jistqarr illi jsib diffikultà biex jaccetta r-ragunijiet moghtija mis-Sur David Buttigieg ghaliex ma iccekjax il-cameras

gimgha wara l-akkadut, ikkunsidrat l-akar illi f'dak il-mument, huwa kien ghadu fi zmien li jsib ilfilmat u jikkonferma darba ghal dejjem jekk is-Sur Joseph Borg verament marx fl-ufficcji tal-Awtorità fis-7 ta' Dicembru 2018. Wiehed jistenna illi bid-disponibbiltà tal-footage mill-cameras, tal-anqas, kwalunkwe investigazzjoni kellha tibda minn hemmhekk. Huwa mistenni illi s-Sur David Buttigieg huwa konsapevoli tal-prassi illi t-timbri jintuzaw interkambjabilment, u allura, ma huwiex mistenni illi huwa jirrifjuta illi jara l-footage tal-cameras sempliciment ghaliex dawn ma jippuntawx lejn id-direzzjoni ta' min suppost ikollu t-timbru li jinsab fuq l-ittra ta' oggezzjoni. Fil-fehma tat-Tribunal, dan ir-ragunament ma jregix. Inoltre, huwa mhux wisq konvincenti x'kien dak li wassal lis-Sur David Buttigieg jiehu l-prerogattiva li jdahhal entry gdida bid-data tas-7 ta' Dicembru 2018; tabilhaqq, l-ispjegazzjoni moghtija mis-Sur Buttigieg (illi assuma illi s-Sur Borg kien dahal fl-ufficcji tal-Awtorità ftit qabel l-gheluq tal-ufficcju, u t-timbri lahqu nqalbu) ma hijiex konvincenti, partikolarment minhabba l-fatt illi l-appellant dejjem insista (sa minn l-ewwel ittra mibghuta mill-avukat tieghu Dottor Georgine Schembri) illi wasal fl-ufficji tal-Awtorità tal-Ippjanar filghodu ghall-habta tad-9:30am, u David Buttigieg certament kien konsapevoli ta' dan. Ghalhekk, ma kienx hemm ghalfejn wiehed jassumi illi Joseph Borg proprju wasal l-Awtorità fit-tard meta forsi id-dati fit-timbri kienu digà nqalbu. Finalment, it-Tribunal isib diffikultà ukoll sabiex jifhem l-ispjegazzjoni tas-Sur Buttigieg illi dahhal entry gimgha wara l-akkadut (madwar l-14 ta' Dicembru 2018), meta l-acknowledgment (skont id-diversi xhieda: awtomatiku u immedjat) intbaghat fis-26 ta' Frar 2019.

Kollox ma' kollox, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-appellant ma rnexxilux jipprova skont il-ligi illi t-timbru fuq l-ittra ta' oggezzjoni tal-10 ta' Dicembru 2018 kien frott ta' zball, jew li kien b'xi mod inkorrett. B'daqstant, l-appell tal-appellanti ma setax isir, u b'hekk huwa invalidu u null.

Dana maghdud, it-Tribunal b'hekk ma ghandux ghalfejn jikkunsidra l-mertu ulterjorment.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tal-appellant hu illi t-Tribunal applika hazin l-artikolu 11(1)(d) tal-Kap. 551 meta qies li minn qari ta' dan is-subartikolu b'mod shih id-dritt ta' appell mhux moghti lil persuna fizika izda jaghmel referenza ghal klassi partikolari u mkien fil-Kap. 551 ma hemm dritt ta' appell moghti lil persuna fizika jekk mhux terza parti interessata registrata skont l-artikolu 71(6) tal-Kap. 552.

Il-Qorti ser tezamina din il-kwistjoni. L-artikolu 11(1)(d) jghid hekk:

> 11.(1) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp, it-Tribunal ghandu jkollu gurisdizzjoni li:
> (d) jisma' u jiddeciedi kull appell maghmul minn kull persuna jew istituzzjoni jew kull dipartiment jew agenzija tal-Gvern, li jkollha interess dirett u li tkun aggravata b'xi decizjoni, jew ordni jew direzzjoni fir-rigward ta' Regolamenti tal-Bini u Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Bini, ukoll jekk dik

> id-decizjoni jew ordni jew direzzjoni ma tohrogx minn process ta' applikazzjoni ghal zvilupp;

Sfiq ma' dan is-subartikolu l-artikolu 11(1)(e) jghid hekk:

> (it-Tribunal) jisma' u jiddeciedi kull appell maghmul minn terza persuna interessata li tkun issottomettiet rapprezentazzjonijiet bil-miktub kif stabbilit mill-Awtorità tal-Ippjanar skont l-artikolu 71(6) tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp:

L-artikolu 71(6) tal-Kap. 552 jghid hekk:

> Kull persuna tista' tiddikjara interess f'xi zvilupp u, abbazi ta' ragunijiet li jkunu rilevanti ghall-ambjent u l-ippjanar, taghmel rapprezentazzjonijiet dwar dak l-izvilupp. Dik id-dikjarazzjoni ta' interess flimkien mar-rapprezentazzjonijiet ghandha ssir bil-miktub u ghandha tasal ghand il-Bord tal-Ippjanar fiz-zmien kif stabbilit b'regolamenti preskritti mill-Ministru. Dikjarazzjoni li ma tigix ipprezentata f'dan iz-zmien stipulat ghandha tigi kkunsidrata bhala nulla u ma tistax tigi kkunsidrata mill-Bord tal-Ippjanar.

It-tifsira tal-kelma persuna fil-Kap. 551 u Kap. 552 rispettivament hi s-segwenti:

> "persuna" tinkludi assocjazzjoni jew korp ta' persuni, kemm jekk ikun inghatalha l-istat ta' personalità guridika kemm jekk le;

> "persuna" tinkludi korp jew assocjazzjoni ta' persuni kemm jekk ikun inghatalha l-istat ta' personalità guridika kif ukoll jekk ma jinghatalhiex dan l-istat u ghandha tinkludi NGOs ambjentali;

Qari ta' dawn l-artikoli mehudin flimkien, il-Qorti ma tistax taqbel mat-Tribunal li l-kelma 'persuna' fl-artikolu 11(1)(d) mhix tirreferi ghal persuna fizika wkoll. Fl-ewwel lok il-kliem uzat fl-artikolu hu 'appell minn kull persuna jew istituzzjoni ecc.' Il-kelma 'jew' mhix tillimita d-definizzjoni ta' persuna kif interpretata mit-Tribunal. It-Tribunal ma jistax bla raguni legalment fondata jqis interpretazzjoni meta l-kliem tal-ligi hu car. L-artikolu 11(1)(d) jitkellem dwar 'persuna' bla limitazzjoni u l-artikolu spjegattiv ta' 'persuna' jiddefinixxi persuna bhala li 'tinkludi' assocjazzjoni jew korpi ta' persuni, liema definizzjoni tissoda t-tezi tal-appellant li l-istess definizzjoni qed tamplifika fuq it-tifsira ta' persuna fis-sens fizika ghal assocjazzjoni jew korpi ta' persuni. Fejn il-ligi ma teskludiex, il-kliem ghandu jittiehed fis-sens naturali u car specjalment meta meghjun minn definizzjoni ta' kelma fl-istess ligi.

Maghdud ma' dan is-subartikolu 11(1)(d) u 11(1)(e) jiddiferenzjaw ruhhom minn xulxin. Fl-ewwel lok fl-artikolu 11(1)(d) l-appellant irid juri 'interess dirett' u jkun 'aggravat bid-decizjoni' mentri fl-artikolu 11(1)(e) la darba hu registered objector a bazi tal-artikolu 71(6) tal-Kap. 552 ma hemmx bzonn li juri 'interess dirett' ghax registrat skont l-artikolu 71(6) tal-Kap. 552. Fit-tieni lok l-artikolu 71(6) isemmi kull persuna li ghandha 'interess f'xi zvilupp' mentri l-artikolu 11(1)(d) isemmi kull persuna b'interess dirett u aggravata 'b'decizjoni, jew ordni jew direzzjoni fir-rigward ta' <u>regolamenti tal-bini</u> u <u>regolamenti dwar il-kontroll tal-bini</u> (sottolinear tal-Qorti) ukoll jekk ma tohrogx minn permess ta' zvilupp'. Dan ifisser li l-appell li qed issir referenza ghalih f'dan l-artikolu ma jirreferix per se ghal applikazzjoi ta' zivlupp kif inhu l-artikolu 71(6) tal-Kap. 552 izda limitat biss ghal appell minn ordni jew direzzjoni dwar ir-regolamenti tal-bini u l-kontroll tieghu kif jidher li hi fdata l-Awtorita bl-artikolu 7(2)(d) tal-Kap. 552 u l-artikoli 87 u 92 tal-Kap. 552..

L-artikolu 22(1) tal-Kap. 551 mhux car meta jghid:

> Meta jsir appell minn terza persuna interessata skont dan l-Att, dik il-persuna m'ghandhiex ghalfejn iggib prova li hi ghandha xi interess f'dak l-appell skont id-duttrina ta' interess guridiku, u tali duttrina ma ghandhiex tapplika ghal proceduri bhal dawn, izda tali persuna ghandha tissottometti motivazzjonijiet ragunati bbazati fuq konsiderazzjonijiet ambjentali u, jew tal-ippjanar biex tiggustifika l-appell taghha.

Dan qed jinghad ghax il-kliem uzat fl-artikolu 11(1)(d) jispecifika 'interess dirett' mentri l-artikolu 22(1) jeskludi li 'terza persuna interessata turi l-interess mehtieg skont id-duttrina ta' interess guridiku. Tali limitazzjoni tmur kontra l-'interess dirett' li jrid jipprova l-appellant qua persuna b'interess dirett u aggravata bid-decizjoni. Hi l-fehma tal-Qorti li hu dan l-artikolu li jisthoqqlu interpretazzjoni u fl-umli fehma taghha l-Qorti tqis li dan l-artikolu qed iqis appelli minn terzi persuni interessati li jkunu ikkwalifikaw bhala tali skont l-artikolu 71(6) tal-Kap. 552 u li ghalihom japplika d-dispost tal-artikolu 11(1)(e) tal-Kap. 551. Ghal persuni fizici jew mhux li japplika ghalihom l-artikolu 11(1)(d) tal-Kap. 551, kif inhu dan il-kaz, l-appellant qabel jigi ammess bhala tali, jrid jipprova 'interess dirett' fl-izvilupp skont ma trid id-duttrina tal-interess guridiku li juri li hu aggravat bid-decizjoni. Billi l-appell intavolat quddiem it-Tribunal hu msejjes fil-mertu tieghu fuq aggravji ghal kontra l-hrug tal-permess ta' zvilupp u mhux fuq ir-regolamenti tal-bini jew il-kontroll tal-bini kif irid l-artikolu

11(1(d), l-appellant ma ghandux ragun isostni li hu jista jitqies bhala appellant ai termini tal-artikolu 11(1)(d) tal-Kap. 552.
Billi dan hu l-uniku aggravju tal-appellant dan l-appell ma jistax jigi milqugh.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tichad l-appell ta' Joseph u Maria Concetta Borg u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-25 ta' Lulju 2019 ghalkemm ghal ragunijiet differenti. Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur